MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Jannar, 2011

Numru. 2/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**BARRY JOHN GRANT u**
**MATTHEW SCHEMBRI**

**Illum 3 ta' Jannar, 2011.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **BARRY JOHN GRANT** ta' sebgha w ghoxrin sena, iben missier mhux maghruf u Sylvana Grant, imwieled U.K. nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu, 1983 u residenti gewwa 159, 'Sylvana House', Triq Nazju Saverju Mifsud, B'Kara, detentur ta' karta tal-

identita' numru 149703L; u **MATTHEW SCHEMBRI** ta' tlieta w ghoxrin sena, iben Nicholas u Silvana nee' Urpani, imwieled Pieta' nhar l-ewwel (1) ta' Frar, 1987 u residenti gewwa 62, The Grants, Flat no. 2, Triq Domenico Cachia, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 117587(M), tressqu quddiemha akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Fit-Triq is-Siggiewi, Ta' Kandja, Mqabba, f'xi hin bejn l-ghaxra (10.00p.m.) w l-ghaxra w nofs ta' filghaxija (10.30p.m.), fil-perjodu ta' bejn it-tlieta w ghoxrin (23) u t-tmienja w ghoxrin (28) ta' Dicembru, 2010, ikkommettew serq ta' mija w ghoxrin Ewro (€120) fi flus minn vending machine, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezz, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija MCK Vending Machine u/jew persuni ohra;

2. U talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' kkagunaw hsara ta' mitt Ewro (€100), u li saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija MCK Vending Machine u/jew persuni ohra;

3. Gewwa l-kumpless tal-ETC gewwa Hal-Far, B'Bugia, f'xi hin bil-lejl, fil-perjodu ta' bejn l-erbgha w ghoxrin (24) u s-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, 2010, ikkommettew serq ta' hamsin Ewro (€50) fi flus u kexxun tal-flus valur ta' hamsa w erbghin Ewro (€45), minn vending machine, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija MultiVend u/jew persuni ohra;

4. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' kkagunaw hsara li teccedi l-mija w sittax-il Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija MultiVend, ghall-Gvern ta' Malta, u/jew persuni ohra;

5. Talli fiz-Zona Industrijali ta’ Bulebel, Zejtun, nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ Dicembru, 2010, ghall-habta tal-hdax neqsin zewg minuti ta’ bil-lejl (10.58p.m.), bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe’ serq minn vending machine, urew dan il-hsieb b’atti esterni, u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin, u dang had-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija Multipackaging Ltd. u/jew persuni ohra;

6. Lil BARRY JOHN GRANT wahdu talli fi Triq il-Haddied, Mosta nhar is-sitta 96) ta’ Dicembru, 2010, flimkien ma’ persuna ohra, kkommetta serq ta’ hamsin Ewro (€50) fi flus u kexxun tal-flus valur ta’ hamsa w erbghin Ewro (€45), minn vending machine, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezz, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija MultiVend u/jew persuni ohra;

7. U talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ kkaguna hsara ta’ mitejn u hamsin Ewro (€250), u li saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija MultiVend u/jew persuni ohra;

8. Lil BARRY JOHN GRANT talli kiser il-provediment tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Antonio Mizzi LL.D.datata 12 ta’ Novembru, 2010 u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu, kif ukoll talli kiser il-provediment tal-Probation a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. datata 23 ta’ Novembru, 2010, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti, cioe' certifikati tat-twelid tal-imputati mmarkati CSH u CSH1, zewg Fedini Penali mmarkati CSH2 u CSH3, Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali mmarkat bhala Dok. CSH4, il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tkun trattata bil-procedura sommarja li gie mmarkat bhala Dok. CSH5, erba' stqarrijiet immarkati Dok. CSH6 sa CSH9, Ricevuta mahruga mill-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun Dok. CSH10, zewg stimi mmarkati Dok. CSH11 u 12 kif ukoll hames okkorrenzi mmarkati Dok. CSH13 sa Dok. CSH 17.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw fis-seduta tat-tlietja ta' Jannar 2011,fil-presenza tal-avukati difensuri taghhom li kienu fehmu ben tajjeb l-import tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront taghhom mill-Prosekuzzjoni w li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-seduta tat-tlieta ta' Jannar 2011 stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tat-tlieta ta' Jannar, 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha, w fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlieta ta' Jannar 2011 u dana fil-prezenza tal-avukati difensuri taghhom.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kellha f'idha xi flejjes li nstabu ghand l-imputati w li kienu se jintraddu lura lis-socjeta' derubata.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara wkoll li l-imputati kkollaboraw bis-shih maghha tul il-kors tal-investigazzjoni.

Rat li l-ammont ta' serq involut f'kull akkuza ma jeccedix il-mitejn u sebgha w tletin Ewro (€237).

Qieset ukoll dak li ntqal verbalment fl-Awla, li l-imputat Grant ghandu problema t'abbuz ta' droga, ghalkemm mhux akkuzat b'xi disposizzjoni tal-Ligi f'dak ir-rigward.

Rat il-fedini penali taz-zewg imputati li huma totalment differenti, w li hu ghalhekk li din il-Qorti sejra taghti sentenza differenti fil-konfront ta' kull imputat. Qieset il-fatt li l-imputat Grant diga' xellef duffrejh mal-Ligi w ma tghallimx juzufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu, tant li rega' deher quddiemha, w din id-darba apparti li hu akkuzat fuq serq gie akkuzat li kiser il-Probation Orders moghtija lilu, w hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti thoss li din id-darba ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tieghu. Fir-rigward tal-imputat Schembri rat li dan ghandu kondotta nadifa bl-ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoi registrat fuqha, w ghalhekk din il-Qorti sejra tittrattah bhallikieku huwa *a first time offender* u ghalhekk sejra ttih cans billi tpoggih taht Ordni ta' Probation ghall- perijodu massimu permess mil-Ligi.

**Ghaldaqstant** il-Qorti, wara li rat **l-Artikoli tal-Ligi, partikolarment Artikoli 41 (1) (a), 261 (b) u (f), 270, 278 (1) (2), 325 (c) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputati BARRY JOHN GRANT u MATTHEW SCIBERRAS hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.**

**Fic-cirkostanzi tal-kaz, tikkundanna lill-imputat BARRY JOHN GRANT ghall-perjodu ta' <u>sentejn prigunerija effettiva</u>, pero' stante l-problema akuta ta' droga li l-imputat ghandu l-Qorti taghti r-rakkomandazjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jindirizza din il-problema li l-imputat ghandu, possibilment billi jara li l-imputat jattendi ghall-programm ta' riabilitazzjoni bil-ghan li jikkura ruhu minn dan il-vizzju.**

**Fir-rigward tal-imputat MATTHEW SCHEMBRI, l-Qorti tiddeciedi li tpoggih taht <u>Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tliet snin</u> millum ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, skond l-ordnijiet hawn annessi.**

**Ghal dan il-ghan tordna li din is-sentenza tkun notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u li kopja taghha tinghata lill-imputat Schembri.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza liz-zewg imputati li ddikjaraw li fehmu l-import taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------